


MEJJU - ĠUNJU 2016

## MESSAĠĠ MILL-KAP TAL-ISKOLA

Hija x-xewqa ta' kull ġenitur li jara lil uliedu jirnexxu u daqstant ieħor hija x-xewqa ta' kull edukatur li jara lill-istudenti tiegħu jirnexxu. Sfortunatament iżda, is-sistema edukattiva, filwaqt li tagħti opportunità ndaqs biex kulħadd jitgħallem, ma tiggarantix li kulħadd joħroġ mis-sistema bil-kwalifiki meħtieġa. Nafu li mhux kulħadd jitgħallem bl-istess mod, nafu li mhux kulħadd għandu ambjent id-dar li jħajrek tistudja. Huwa frustranti għall-istudent li l-iskola ma tinteressahx li jpoġġi bilqiegħda bilfors għal sitt sigħat kuljum għal ħames snin sħaħ. Daqstant ieħor huwa frustranti għall-għalliem li jipprova jgħallem lil min ma jridx. Ir-riżultat xi jkun? Studenti frustrati jivvintaw il-ħmerijiet jew jaqilgħu l-problemi, studenti li jieqfu kmieni mill-iskola u għalliema mdejqin bis-sitwazzjoni. Huwa impossibbli li xejn ma jinteressa lil xi studenti. Din hija l-isfida ewlenija ta' kull edukatur – li jirnexxilu jimmotiva lil dawn l-istudenti.



Id-direttorat tal-edukazzjoni, konxju ta' din il-problema nazzjonali, daħal fi sħab għall-programm XL imniedi mill-Prince's Trust tal-Irlanda ta' Fuq, ġentilment sponsorjat mill-bank HSBC. Dan il-programm jiffoka fuq dawk l-istudenti li jbatu akkademikament filwaqt li jipprovdilhom l-ispazju u l-attenzjoni meħtiega sabiex jiżviluppaw mill-ġdid il-kunfidenza fihom infushom bi preparazzjoni għad-dinja tax-xogħol. L-istudenti li jtemmu b'suċċess dan il-kors ikunu akkreditati livell 2 ekwivalenti għal SEC O level.

*...ikompli fuq paġna 3*



**Kulleġġ San Benedittu, Skola Sekondarja, Ħal Kirkop**
*Sħaħ fl-ispirtu u fil-ħidma*
☎ 21642427 🖷 21642423
✉ sbc.kirkop.ss@ilearn.edu.mt
http://www.kulleggsanbenedittubs.com

# EDITORJAL

**L-eżamijiet magħna... u l-vaganzi wkoll.**




Meta jasal Mejju nibdew ngħoddu l-ġranet biex naraw kemm baqgħalna skola qabel jibdew dawk l-imberkin vaganzi. Ħafna studenti jibdew jitilfu mill-konċentrazzjoni waqt il-lezzjonijiet u jonqsilhom l-aptit mill-istudju. L-għejja u r-rutina ta' sena skolastika tibda tagħmel tagħha kif ukoll it-temp sabiħ jibda jtellef xi ftit mill-ġabra fl-istudju.

Dan kollu jwassal biex l-eżamijiet annwali wieħed imur għalihom b'inqas aptit u b'inqas ħeġġa. Fil-fatt irridu noqogħdu attenti li ma naqgħux f'din in-nassa. Qabel il-vaganzi u qabel id-divertiment hemm is-sagrifiċċju. L-eżamijiet jirrikjedu impenn u min ma jagħmilx l-almu tiegħu faċilment jibda jaqta' lura fl-iskola. Għaldaqstant, in-nofstanhari ta' Ġunju mhux qegħdin hemm b'kumbinazzjoni. Irridu l-ewwel nett inqassmu l-ħin tajjeb u niddedikaw il-ħin tagħna għall-istudji qabel ma filgħaxijiet nintefgħu quddiem is-sett tat-televixin naraw il-futbol.

Huma l-ġranet tal-eżamijiet li jibdew jiddeterminaw bil-mod il-karriera tagħna. Huwa inutli li taparsi nistudjaw l-aħħar ġurnata jew siegħa qabel l-eżami għax inkunu qed nidħku bina nfusna u mhux bil-ġenituri tagħna jew min jieħu ħsiebna u lanqas bl-għalliema.

Imbagħad jaslu l-vaganzi tant mistennija. X'ferħ inħossu meta fil-bidu tal-vaganzi, inqumu u nirrealizzaw li l-ġurnata se nqattagħha kif irrid jien u mhux sejjer l-iskola! Imma huwa importanti li l-vaganzi ma naħlux il-ħin tagħna kollu fil-logħob u d-divertiment. Hemm bżonn ma ninsewx il-qari għax dan hu l-muftieħ tad-dinja mimlija għerf li tant għandna bżonn f'ħajjitna! Awguri!

*Is-Sur J.Brincat*
Għalliem



*...ikompli minn paġna 1*

L-iskola tagħna emmnet f'din l-inizjattiva. Din is-sena fassalna programmi apposta li jimxu id f'id mal-kurrikulu għall-istudenti tat-Tielet u tar-Raba' Sena f'riskju li joħorġu mis-sistema edukattiva kmieni. Dawn il-programmi jidher li ntlaqgħu tajjeb u qed ikunu wkoll ta' mudell għal skejjel oħra li ddeċidew li jimbarkaw fuq dan il-proġett.

L-iskola tagħna, għax temmen verament fil-potenzjal ta' kull student, daħlet ukoll sħab fi proġett tal-ERASMUS+ ma' pajjiżi bħal Lussemburgu, Belġju, Spanja u l-Latvja bil-għan li jinħolqu metodoloġiji ġodda biex jimmotivaw mill-ġdid lil dawk l-istudenti li qegħdin f'riskju li jħallu l-iskola kmieni. Grupp ta' tmien għalliema kellhom iċ-ċans jiġu ttrenjati f'dawn il-metodoloġiji ġodda f'Madrid f'Jannar li għadda, filwaqt li matul dawn l-aħħar xhur esperimentaw  u evalwaw dawn il-metodoloġiji. F'Ottubru li ġej, grupp ta' tmien għalliema oħra se jitħarrġu wkoll f'dawn il-metodoloġiji. Il-mira tag]na hi li sa tmiem il-proġett, tletin fil-mija tal-istaff ikun mhux biss konxju ta' dawn il-metodoloġiji ġodda iżda jkun ippruvahom ukoll.

Il-ħanut taż-żraben li jistokkja żraben tal-istess qies ma tantx jagħmel suċċess. Filwaqt li għal xi wħud il-qies ikun tajjeb, għal oħrajn ikun issikkat u għal oħrajn imlaħlaħ sew. L-iskola tagħna qed tipprova toffri edukazzjoni ta' qisien differenti komdi għal  kulħadd sabiex ħadd ma jibqa' lura.

*Is-Sur M. Bondin*
Kap tal-iskola




Jekk għandek Facebook account tista' tingħaqad magħna billi tfittex....

**Benedittu Social**

# ATTIVITAJIET RELIĠJUŻI FL-ISKOLA



Fit-8 ta' Diċembru 2015, il-Papa Franġisku ddikjara b'mod uffiċjali l-ftuħ tal-*Ġublew Straordinarju tal-Ħniena.* Fi kliem sempliċi, il-Papa ħass il-bżonn, fuq tul ta' sena, li l-Knisja Universali tiffoka fuq l-imħabba u l-ħniena bla limitu li Alla għandu lejn l-bniedem; Alla li jfarraġ, li jaħfer u li jimla bit-tama l-qalb tal-bnedmin kollha. Sentimenti essenzjali għall-bniedem speċjalment fiċ-ċirkostanzi u ż-żminijiet li tinsab fihom id-dinja.

Ma setax jonqos, għalhekk, li t-tema tal-*Ħniena ta' Alla*, tkun il-bażi tal-messaġġ reliġjuż li riedu jwasslu l-Eżercizzji Spiritwali li kellna fl-iskola tul il-ġranet tar-Randan.





Il-kelliema ta' dawn il-laqgħat kienu Fra Etienne Gilson (is-Seba' Sena), Fr. George Schembri (it-Tmien Sena), Fr. Glenn Buhagiar (it-Tielet Sena) u Mr. Marjoe Cassar (Ir-Raba' u l-Ħames Sena) fit-18 ta' Marzu fakkarna l-Festa tad-Duluri permezz ta' quddiesa animata li fiha ħadet sehem l-iskola kollha.

Ta' min jerġa' jfakkar li ta' kull nhar ta' Ħamis, fis-7.25 ta' filgħodu jkun hemm quddiesa animata fil-kappella tal-iskola, li fiha jippartecipaw numru sabiħ ta' studenti. Għal darb'oħra grazzi lil dawk kollha li jagħmlu dawn l-attivitajiet possibbli.



*Is-Sur M. Borg*
HOD tar-Reliġjon

# KWIŻŻ DWAR L-ILMA

Grupp ta' studenti din is-sena intgħażlu sabiex jipparteċipaw fil-Water Day Quiz. Din l-inizjattiva ġiet organizzata mill-HSBC Catch the Drop Campaign.

L-istudenti ġew mogħtija sett ta' noti biex jistudjaw dwar l-ilma, l-importanza tiegħu, kif nistgħu nikkonservaw l-ilma u l-problemi marbutin mal-użu eċċessiv tiegħu.



Il-kompetizzjoni li saret l-Intercontinental f'San Ġiljan għenet sabiex l-istudenti jsiru iktar konxji dwar l-importanza li nieħdu ħsieb l-ilma ta' madwarna u l-problemi relatati man-nuqqas tal-ilma u l-ilma kkontaminat. Għal dan il-għan l-HSBC Catch the Drop Campaign urewhom vidjows dwar x'inhu jiġri f'pajjiżi li m'għandhomx aċċess għall-ilma nadif. Grupp ta' Maltin marru wkoll huma stess jagħtu l-għajnuna tagħhom u l-istudenti tagħna setgħu jaraw kemm huma fortunati li għandhom aċċess għall-ilma nadif.

Il-kwiżż kien jikkonsisiti fi tletin mistoqsija li l-istudenti kellhom jirrisponduhom bħala tim. Wara kull student ingħata ċertifikat ta' parteċipazzjoni.

Żgur li din l-inizjattiva għenet lit-tfal irabbu kuxjenza dwar l-importanza u l-konservazzjoni tal-ilma. It-tfal tgħallmu wkoll jaħdmu bħala tim, jikkoperaw flimkien u jiddiskutu biex joħorgu bl-aħjar soluzzjoni għal problemi li kienu preżentati lilhom.



*Is-Sa R. Gauci*
Għalliema

# HISTORY DAY

To further promote historical awareness amongst our students, the history department in collaboration with the SMT within our school, organised a 'History Day' on the 14th of March. Various history enactment groups were invited to our school. The groups that accepted our invitation were the Malta Archery, Anakron Living History, Malta Falconry Club, Compagnia San Michele and Battlefront Living History Group Malta. The groups represented the different periods in our history, thus students were walking along the historical timeline experienced by our forefathers.



The groups were stationed within the school yard and our students visited each station. The Anakron Living History group displayed weapons and armour from the Medieval period. After giving some information to the students about the weapons and how they were used in Medieval times, students were given the opportunity to wear the armour used in Medieval times. The armour consisted of the chainmail, head armour and the body armour. They also had to carry the shield. In this way our students empathised with the medieval knights and could understand how heavy and uncomfortable this armour was to wear, move and fight in.

Also linked to the Medieval period were the Falconry Club and the Malta Archery. Falcons were very important in Malta during Medieval times. In fact the Knights had to give Charles V a falcon each year as one of the conditions they had to accept before coming to Malta.

The Falconry Club brought to school the Barbaġann owl and a number of falcons. Students were allowed to touch the birds and see them fly. There was great interaction between our students and the members of the club as our students constantly asked them questions about the birds and how to nurture them.
The Archery stand was also exciting for the students as they each got a turn at shooting an arrow. Many missed the target but they were thrilled because most of them had never had this opportunity.

When students moved to the Compagnia San Michele stand they found items belonging to the period of the Knights of St. John. The members of the Compagnia demonstrated fighting techniques used by the Knights and how these techniques changed as weapons improved.



The next station was the Battlefront Living History Group Malta, linked to the first and second world wars. Here again students were given some information on the period. Besides showing them the weapons used and firing the guns, students were also shown other items such as shot guns and machine guns and different bullets. Students were also given the opportunity to wear the soldiers' uniforms and carry the heavy load soldiers carried on their back. In this way students could empathise better with the hardships the soldiers had to face.



As students moved from one stand to another they were experiencing different periods in history. In this way they could see how things changed and evolved. Through the hands-on activities, students strengthened skills and concepts which they were developing in class. Such concepts included chronology, change, continuity and empathy. They practiced their ability to interpret the past using the evidence brought by the enactment groups.

On interacting with the members of the groups, students developed their communication skills, their questioning techniques and their sense of observation. The more students interacted, the more historically aware they became.

From the feedback we received, students greatly enjoyed this event. They came to class with a different insight and a critical eye.

*Ms ML Schembri*

HOD History

Fil-History Day, l-ewwel ħaġa li rajna huma żewġt irġiel lebsin ta' suldati li bdew jispjegawlna dwar ix-xwabel li kienu jużaw qabel. Wara morna quddiem mejda u din kienet mimlija bl-armi li kienu jużaw qabel . Imbagħad morna naraw żewġ għasafar Maltin, il-falkun u l-barbaġann u tawna xi informazzjoni dwarhom. Wara morna nisparaw il-vleġġa. L-aħħar ħaġa li rajna huma żewġt irgiel li qagħdu jgħidulna fuq is-snieter u x'kienu jilbsu maghhom fil-gwerra. Din kienet esperjenza sabiħa ħafna.

*Jade Zammit* 7.7

F'Jum l-Istorja kien hemm ħames attivitajiet. L-aktar żewġ attivitajiet li għogbuni kienu ....... meta bdew jgħidulna u jispjegawlna dwar l-għasafar bħal falkun u l-barbaġann. It-tieni waħda kienet meta kien hemm raġel beda jgħallimna kif nużaw il-qaws u l-vleġġa.

*Francesca Bartolo 7.7*

Jiena personali l-aktar li għoġbitni kienet dik il-biċċa li bdew juruna x-xwabel u l-armatura li kienu jilbsu. Tgħallimt ħafna affarijiet bħal pereżempju x'tip ta' xwabel kienu jużaw u d-differenza bejn kull xabla. Wara li tawna ħafna informazzjoni wrewna kif kienu jiġġieldu. Fuq in-naħa l-oħra stajna naraw kif jilbsu u min ried seta' jipprova wkoll. Ħassejna li kienu jbatu anke biex jilbsu l-armatura tagħhom. Jiena tgħallimt li għalkemm kienu jkunu protetti xorta waħda kienu jweġġgħu u b'hekk jinqatlu. Għalhekk ngħidu gwerra .

*Mariah Cuschieri* 7.7

# JUM IĊ-ĊELEBRAZZJONI FL-ISKOLA SEKONDARJA, ĦAL KIRKOP



Il-Ħamis, 5 ta'Mejju, kien Jum iċ-Ċelebrazzjoni fl-Iskola Sekondarja ta' Ħal Kirkop. Dakinhar numru sabiħ ta' ġenituri, studenti u għalliema kienu preżenti fis-sala tal-iskola fejn assistew għal programm sabiħ tal-okkażjoni li din is-sena tmexxa mill-istudenti tat-Tmien Sena, Aiden Drakard u Rachel Abela.

Is-serata bdiet bl-innu tal-iskola kantat mill-kor u xi siltiet mużikali li ndaqqu minn diversi studenti. Imbagħad assistejna għar-rappreżentazzjoni mill-isbaħ tal-*musical* L-Iljun Sultan. Taħt id-direzzjoni ta' diversi għalliema, kast ta' aktar minn ħamsin student paxxa lill-udjenza b'kanzunetti mill-isbaħ, żfin, reċtar u kostumi mill-aqwa. Dawn l-istudenti flimkien ma' bosta għalliema kienu ilhom diversi xhur jissagrifikaw il-ħin liberu tagħhom sabiex jitħarrġu u jtellgħu b'suċċess din ir-rappreżentazzjoni. Il-ferħ u s-sodisfazzjon tagħhom deher biċ-ċar fit-tmiem tas-serata mill-aqwa li rnexxielhom itellgħu.





Wara kien imiss lill-Kap tal-Iskola, is-Sur Michael Bondin, biex jagħmel id-diskors tal-okkażjoni fejn semma l-kisbiet tal-istudenti u l-għadd kbir ta' inizjattivi li ħadet l-iskola tul din l-aħħar sena. Assistejna wkoll għall-vidjow qasir li wera wħud mill-bosta attivitajiet li jsiru tul is-sena skolastika. Is-serata ntemmet b'messaġġ mis-Segretarju Parlamentari, l-Onorevoli Chris Agius, li mbagħad flimkien mal-Prinċipal tal-Kulleġġ, is-Sur Paul Debono qassam il-premjijiet lil aktar minn mitt student li ddistingwew ruħhom akkademikament kif ukoll f'attivitajiet ekstrakurrikulari.



*Is-Sa C. Pisani Grixti*
Assistenta Kap






JUM IĊ-ĊELEBRAZZJONI.

# KALENDARJU UFFIĊJALI

| Mejju 2016 | |
|---|---|
| 3 | Produzzjoni L-Iljun Sultan għall-istudenti tas-7 u t-8 Sena |
| 4 | Produzzjoni L-Iljun Sultan għall-istudenti tat-3 Sena |
| 5 | Jum iċ-Ċelebrazzjoni |
| 6 | Produzzjoni L-Iljun Sultan għall-istudenti tar-4 Sena |
| | Ċelebrazzjoni ta' Jum L-Ewropa fil-Forti Sant Iermu, Valletta (selezzjoni ta' studenti) |
| | Green Casual Day |
| | Preparazzjoni ta' *smoothies* mill-istudenti tat-3 Sena fil-Prince's Trust Programme |
| 13 | Festa Komunità |
| 17 | SDP għall-għalliema (skola tispiċċa f'12.00) |
| 18 | Lejla Letterarja għall-istudenti kollha tal-Kulleġġ |
| 19 | Jum l-isports għall-istudenti tat-8 Sena |
| 20 | Big Dance Challenge (Water Conservation) |
| | Fieldwork fid-Dwejra għall-istudenti tas-7 Sena |
| 24 | Żjara mill-President ta' Malta |
| | Żjara fir-residenza tal-Ambaxxatur Franċiż (selezzjoni ta' studenti tat-3 Sena) |
| 25 | Laqgħa ta' ġurnata għall-għalliema (L-istudenti ma jkollhomx skola) |
| 27 | Ftuħ uffiċjali tal-Maratona Puttinu (selezzjoni ta' studenti) |

| Ġunju 2016 | |
|---|---|
| 1 | Sessjoni PD għall-għalliema (wara l-ħin tal-iskola) |
| | Bidu tan-nofs ta' nhari |
| 13-28 | Eżamijiet Annwali |

| Lulju 2016 | |
|---|---|
| 6 | Tmiem is-sena skolastika |

# ĠUNJU 2016 - ORARJU EŻAMIJIET ANNWALI

| |
|---|
| **Taqsir tal-kliem** - BS (Business Studies); DT (Design & Technology); GC (Graphical Communication); PE (Physical Education); HE (Home Economics); EUR ST (European Studies) TS (Textiles Studies) |
| **N.B. L-ewwel sessjoni DEJJEM tibda fit-8:00am waqt li t-tieni sessjoni DEJJEM tibda fl-10:30am. Il-brejk ikun fl-10:00am ħlief meta jkun hemm eżami ta' siegħa u nofs. It-trasport lura d-dar ikun fil-12:15pm.** |

# ĠUNJU 2016 - ORARJU EŻAMIJIET ANNWALI

## KULLEĠĠ SAN BENEDITTU, SEKONDARJA ĦAL KIRKOP

| | | YEAR 7 | YEAR 8 | FORM 3 | FORM 4 |
|---|---|---|---|---|---|
| IL-ĠIMGĦA 10 ta' ĠUNJU | L-1 sessjoni | M'HEMMX EŻAMI | INGLIŻ | LINGWI (It-3 Sena) | M'HEMMX EŻAMI |
| | It-2 sessjoni | | STORJA | ĠOGRAFIJA (General) | ICT |
| IT-TNEJN 13 ta' ĠUNJU | L-1 sessjoni | INGLIŻ | M'HEMMX EŻAMI | GC | INGLIŻ (Tr 1, 2, 3) Tr 2 jagħmlu l-1 karta |
| | It-2 sessjoni | STUDJI SOĊJALI | | STUDJI SOĊJALI (Option) | INGLIŻ (It-2 karta) Tr 2 biss |
| IT-TLIETA 14 ta' ĠUNJU | L-1 sessjoni | ORALI | MATEMATIKA | MALTI | LETTERATURA INGLIŻA |
| | It-2 sessjoni | | RELIĠJON | STORJA (General) | RELIĠJON |
| L-ERBGĦA 15 ta' ĠUNJU | L-1 sessjoni | M'HEMMX EŻAMI | M'HEMMX EŻAMI | INGLIŻ | LINGWI (It-2 Sena) |
| | It-2 sessjoni | | | STUDJI SOĊJALI (General) | ĠOGRAFIJA (General) |
| IL-ĦAMIS 16 ta' ĠUNJU | L-1 sessjoni | M'HEMMX EŻAMI | ORALI | MATEMATIKA | MALTI |
| | It-2 sessjoni | | | RELIĠJON | FIŻIKA XJENZA/DT (CCP) |
| IL-ĠIMGĦA 17 ta' ĠUNJU | L-1 sessjoni | MALTI | M'HEMMX EŻAMI | ORALI | BS/BIJOLOĠIJA/ TS/ACCOUNTS |
| | It-2 sessjoni | ICT | | | COMPUTING |
| IT-TNEJN 20 ta' ĠUNJU | L-1 sessjoni | LINGWI | M'HEMMX EŻAMI | KIMIKA/BS/ ACCOUNTS | MATEMATIKA |
| | It-2 sessjoni | XJENZA | | PE | STUDJI SOĊJALI (General) |
| IT-TLIETA 21 ta' ĠUNJU | L-1 sessjoni | M'HEMMX EŻAMI | MALTI | STORJA (Option) | ĠOGRAFIJA (Option) |
| | It-2 sessjoni | | ĠOGRAFIJA | ĠOGRAFIJA (Option) | STUDJI SOĊJALI (Option) |
| L-ERBGĦA 22 ta' ĠUNJU | L-1 sessjoni | MATEMATIKA | M'HEMMX EŻAMI | FIŻIKA XJENZA/DT (CCP) | LINGWI (Ir-4 Sena) |
| | It-2 sessjoni | RELIĠJON | | MUŻIKA | STORJA (General) |
| IL-ĦAMIS 23 ta' ĠUNJU | L-1 sessjoni | M'HEMMX EŻAMI | LINGWI | BIJOLOGIJA/ EUR ST/DT | STORJA (Option) |
| | It-2 sessjoni | | STUDJI SOĊJALI | COMPUTING | MUŻIKA |
| IL-ĠIMGĦA 24 ta' ĠUNJU | L-1 sessjoni | ĠOGRAFIJA | ICT | LINGWI (L-1 Sena) | KIMIKA/ EUR ST/DT |
| | It-2 sessjoni | STORJA | XJENZA | TS | HE |
| IT-TNEJN 27 ta' ĠUNJU | L-1 sessjoni | M'HEMMX EŻAMI | M'HEMMX EŻAMI | ICT | ORALI |
| | It-2 sessjoni | | | HE | |
| IT-TLIETA 28 ta' ĠUNJU | L-1 sessjoni | M'HEMMX EŻAMI | M'HEMMX EŻAMI | M'HEMMX EŻAMI | GC |
| | It-2 sessjoni | | | | PE |

# L-ALLERĠIJI

Allerġija hi meta s-sistema immunitarja tal-ġisem taħdem iżżejjed wara li tiltaqa' ma' xi sustanza partikolari. Kawżi komuni ta' allerġiji huma l-*pollen*, *nickel* (spiss jinstab fil-bokkli taċ-ċinturini), ikel (bħal karawett) u mediċini (bħal *penicillin*).

Fost l-iktar allerġiji komuni hemm dawk ta' meta jaqleb it-temp - b'hekk jissejħu allerġiji staġjonali. L-aktar allerġiji komuni huma dawk relatati man-nifs, li jistgħu jirriżultaw kemm fi qtugħ ta' nifs, xerqa, allerġija fl-għajnejn, kif ukoll allerġija fil-ġilda. Il-ġilda tista' tixxotta, dak li jkun jaqbdu ħakk kbir u ġieli anke joħroġlu d-demm.




Meta jkun hemm allerġija severa bħal qtugħ ta' nifs b'mod frekwenti, dak li jkun għandu jkellem lit-tabib u f'ċertu każijiet jiġi referut għand speċjalista dwar is-sistema respiratorja. Hemm ukoll diversi metodi naturali li wieħed jista' juża biex jikkumbatti dawn l-allerġiji u jnaqqas l-effett tagħhom.

Fl-iskola huwa importanti ħafna li l-ġenituri javżaw jekk it-tfal tagħhom ibatu minn xi forma ta' allerġija, sabiex f'każ ta' bżonn jittieħdu l-miżuri neċessarji.

*Is-Sa K. Callus*
*Is-Sur A. Muscat*
Għalliema tas-Saħħa u Sigurtà




## eSAFETY TOP TIPS

1. Tbeżżax lit-tfal mill-Internet. Għallem lit-tfal kif jevalwaw l-affarijiet li jsibu fuq l-Internet u juruk affarijiet li jieħdu gost jagħmlu huma.
2. Inkuraġġixxi lit-tfal jirrispettaw lil kulħadd anke meta jkunu qed jitkellmu ma' xi persuni fuq l-Internet.

# ROMEO U GIULIETTA B'DIFFERENZA




Id-Dipartiment tat-Taljan ħa sehem fil-kompetizzjoni L'Italia: Lingua e Musica taħt il-patroċinju tal-ambaxxata tal-Italja u b'kollaborazzjoni mal-Fakultà tal-Edukazzjoni fl-Università ta' Malta, is-sezzjoni tat-Taljan fi ħdan id-Dipartiment tal-Curriculum Management u l-Istituto Italiano di Cultura. Grupp ta' studenti ħadu sehem fir-reċta bit-Taljan "La musica nel cuore: un viaggio in cerca d'amore" fejn urew it-talenti tagħhom fir-reċtar, kant, mużika u żfin. L-istorja kienet ispirata min-novella ta' Shakespeare Romeo & Juliet.

Romeo, student Taljan, jiltaqa' l-ewwel darba ma' Giulia, tfajla Maltija, waqt *student exchange* li ssir fil-belt ta' Verona. Romeo jipprova jikkuntattja lill-maħbuba tiegħu, iżda ma jirnexxilux isib il-kliem biex jagħmel dan. B'hekk jibda vjaġġ madwar l-Italja sabiex jipprova jsib l-imħabba ta' ħajtu. Giulia, min-naħa tagħha terħilha lejn l-Italja sabiex issib lil Romeo.





Waqt li jkunu qed jivjaġġaw, jgħaddu minn bliet importanti bħal Ruma u Napoli fejn jiltaqgħu ma' ħafna persunaġġi li jgħinuhom isibu t-triq it-tajba permezz tal-kanzunetti. Fl-aħħar Romeo u Giulia jsibu lil xulxin u jkantaw flimkien il-kanzunetta "Finalmente tu".

Ma naqsitx sorpriża fl-aħħar tar-reċta fejn il-kantant taljan Max Pezzali, eks-membru tal-grupp 883 bagħat tislija lill-istudenti tal-Kulleġġ permezz ta' vidjow minn fuq Twitter. Il-ġurija baqgħet impressjonata bil-livell għoli li raw fuq il-palk u kellhom ħafna kliem ta' tifħir għat-tfal li ħadu sehem. Wara l-attività ta' fuq il-palk, l-atturi u l- ġenituri tagħhom flimkien mal-mistiedna setgħu jduqu xi ikel tipiku Taljan ippreparat apposta għall-okkażjoni mill-għalliema stess.



*Id-Dipartiment tat-Taljan*

# IL-MATEMATIKA BARRA L-KLASSI...



Nhar it-Tlieta, 5 ta'April, l-istudenti tal-klassijiet 8.1, 8.2 u 8.3 kellhom l-opportunità li jaħdmu attivitajiet tal-Matematika barra mill-iskola, permezz ta' dak li nsejħulu 'Maths Trail'. Flimkien morna l-Imdina u hemmhekk l-istudenti kellhom jaħdmu fuq ħiliet differenti fi gruppi ta' ħamsa.

Kull grupp kellu diversi attivitajiet x'jagħmel f'postijiet differenti ġewwa l-Imdina. L-istudenti ġew ippreparati b'rutella, spag, kumpass, *protractor*, *calculator* u riga minħabba li kellhom ikejlu madum, toroq, twieqi, angoli, isibu volum, ikejlu ċirkomferenzi, isibu simetrija u jagħmlu stimi, fost ħafna attivitajiet oħrajn. Huma kellhom ukoll iċ-ċans li jistaqsu u jsegwu direzzjonijiet biex isibu l-post eżatt fejn iridu jmorru. B'hekk, permezz ta' dan il-Maths Trail, l-istudenti kellhom l-opportunità li japprezzaw il-fatt li l-Matematika qiegħda madwarna jekk nitgħallmu napplikaw dak li nkunu tgħallimna fil-klassi.



Din kienet opportunità tajba biex l-istudenti jitgħallmu ma jassoċjawx il-Matematika biss mal-kotba, il-klassi u l-eżamijiet, iżda ma' kuntesti oħrajn li niltaqgħu magħhom ta' kuljum. Dan jgħin lill-istudenti jaraw ir-relevanza tas-suġġett kif ukoll l-importanza tiegħu f'ħajjitna.

It-tim rebbieħ – jiġifieri dak li l-aktar ħadem b'mod preċiż u ġab l-aktar riposti tajbin kien magħmul minn Nicole Spiteri, Emily Grech, Cherise Tabone, CarleyAnn Muscat u Mariah Jo Agius.

*Is-Sa M. Busuttil*
Għalliema tal-Matematika

Dawn huma xi kummenti ta' studenti li attendew:



Ħadt pjaċir indur mal-Imdina u nkejlu l-affarijiet pereżempju funtana

*Denzel Agius 8.3*



For the Maths trail the teachers took us to the Silent City where we worked Maths as a group – this was the main benefit as we shared ideas through hands on activities.

*Jozef Saliba 8.1*

The Maths Trail was held in Mdina and it was fantastic! We had a series of Maths questions to solve, mostly involving measuring, which is why we went equipped with measuring instruments. My favourite question was the one involving quadrilaterals where we had to measure a particular window.

*Karl Ciantar 8.2*



# IMPRESSJONI TAJBA FERM



*"Illum vera bqajt impressjonata. Vera ma stennejtx li ser insib dan kollu f'din l-iskola. This is a WOW school."*

Dawn huma l-aħħar kummenti li tawna mart il-Prim Ministru s-Sinjura Michelle Muscat u l-assistenta personali tagħha, ftit minuti qabel ma temmew iż-żjara tagħhom fl-iskola tagħna l-Ġimgħa 29 t'April. Kienet żjara li matulha, mart il-Prim Ministru kellha laqgħa mal-istudenti tar-Raba' Sena, kif ukoll mal-istudenti tal-Kunsill Skolastiku. L-iskop ta' din il-laqgħa kien biex dawn l-istudenti tar-Raba' Sena, li issa huma l-*kbar* tal-iskola u li s-sena d-dieħla jibdew ħajja ġdida barra mill-iskola, jkollhom idea aktar ċara ta' x'inhi l-Marigold Foundation.

Fil-fatt din il-fondazzjoni mwaqqfa mis-Sinjura Muscat innifisha għandha l-iskop li tgħin nies vulnerabbli li għandhom bżonn l-għajnuna. Fosthom insibu nies li jbatu minn xi mard rari jew minn xi diżabilità, persuni bl-awtizmu jew oħrajn li peress li qegħdin jiskontaw sentenza l-ħabs għandhom bżonn jitħarrġu f'xi ħiliet biex isibu xogħol aktar tard. Minbarra dawn, is-Sinjura Muscat semmiet ħafna każi oħra li l-Marigold Foundation tidħol għalihom biex toffri s-sapport u l-għajnuna li jkun hemm bżonn. Hija inkuraġġiet lill-istudenti biex juru interess f`dawn il-kawżi u fil-volontarjat li huma tant siewja għal soċjetà b'saħħitha. Kellmet ukoll lill-istudenti tal-Kunsill u fakkrithom kif dan il-grupp li huma qeghdin fih jista' jkun il-bażi ta' futur u karriera fejn 'il quddiem huma jista' jkollhom karigi ħafna aktar importanti.





Mart il-Prim Ministru sabet il-ħin iddur ftit mal-iskola, fejn daħlet f'xi klassijiet tas-Seba' Sena u aktar tard, marret ukoll tkellem lill-għalliema li b'tant dedikazzjoni jippreparaw ikel li ta' kuljum jinbiegħ fit-*tuck shop*. Fil-fatt, kienet ferm sorpriża li teżisti din l-attività tant siewja fl-iskola tagħna u faħħret ix-xogħol tal-għalliema li mingħajrhom dan ma jkunx possibbli.

Ma naqasx li tassisti għal ftit ħin il-provi tal-Iljun Sultan. Baqgħet impressjonata bis-sett ferm professjonali li ttella' għall-okkażjoni, bil-kostumi kif ukoll bl-ispettaklu li qed jiġi ppreparat għal Jum iċ-Ċelebrazzjoni. Ikkummentat li hija ħasra kbira li *musical* ta' dak il-kalibru ma joħroġx barra mill-iskola u ma jittellax f'postijiet bħalma hu l-Kavallier ta' San Ġakbu. Nistennew u naraw.



Is-Sinjura Muscat tenniet kemm-il darba li din il-ħidma kollha li ssir ġol-iskola tagħna ma tistax isseħħ li kieku t-tim ta' għalliema fi ħdan l-iskola ma jkunx wieħed iddedikat u li jmidd għonqu għax-xogħol. Barra minn hekk hemm kollaborazzjoni kbira bejn l-għalliema u l-SMT li jżommu d-dixxiplina ġewwa l-iskola. Ikkummentat ukoll li minkejja li l-lezzjonijiet kienu għaddejjin u li l-iskola tilqa' numru kbir ta' studenti, il-kalma u l-kwiet li kien hemm l-iskola kienet ta' min jammiraha. Faħħret l-inizjattivi li jittieħdu l-iskola bħal ngħidu aħna t-tkabbir ta' ħxejjex u ħwawar minn uħud mill-istudenti bl-għajnuna ta' għalliema f'dan il-qasam. Ħadet pjaċir ferm biċ-ċestin ta' prodotti mkabbra mill-istudenti li ġie offrut lilha mill-istudent Cristiano Micallef, kif ukoll bit-tpingija moderna li għamlet l-istudenta Alaya Bugeja tal-8.2.







Il-ħin itir u l-laqgħa li kellha ddum siegħa u nofs twalet għal aktar minn sagħtejn u nofs. Jidher li s-Sinjura Muscat ħassitha *home* fl-iskola tagħna u telqet b'opinjoni ferm tajba kemm tal-iskola kif ukoll ta' kull sforz li jsir mit-tim kbir li jaħdem ġo fiha biex tingħata edukazzjoni xierqa lill-istudenti kif ukoll biex dawn tal-aħħar isibu fl-iskola t-tieni dar tagħhom.

*Is-Sa M. Vella Sammut*
Għalliema

# XOGĦOL FI ĦDAN IL-PROĠETT PRINCE'S TRUST

Bħala *community project* l-istudenti tat-Tielet Sena ħadmu arloġġ bl-arkett. Dan l-arloġġ ittella' lotterija u nbigħu b'ħames mitt euro biljetti.

Il-€500 ingħataw lis-Soċjetà tal-M.U.S.E.U.M. il-qasam tal-Gudja u ser jintużaw biex jitħallsu spejjeż għal xogħol li qiegħed isir fil-Kappella tal-qasam.

Nirringrazzjaw minn qalbna lil kull min xtara biljetti u għalhekk ta kontibut f'dan il-*Community Project* li sar mit-tfal għall-benefiċċju tat-tfal fil-komunità.

*Is-Sa D. Mallia*
Għalliema













# FESTA KOMUNITÀ

## FESTA KOMUNITÀ FL-ISKOLA SEKONDARJA, KULLEĠĠ SAN BENEDITTU, F'ĦAL KIRKOP

Kien Mejju tas-sena 2011 meta ġiet organizzata għall-ewwel darba **Festa Komunità**. Din il-festa tinvolvi l-komunitajiet kollha mill-irħula li minnhom jiġu l-istudenti li jattendu l-kulleġġ. Din l-attività tkun mifruxa fuq ġurnata sħiħa u ssir biex jinġabru fondi għal xi għan nobbli. Din is-sena ser jinġabru fondi b'risq **is-Sorijiet Franġiskani li jinsabu f'Londra**.

Filgħodu jkollha sensiela ta' attivitajiet sportivi għall-istudenti. Nibdew bil-***Fun Run*** u l-***Fun Walk*** għall-istudenti tagħna li ssir fl-inħawi ta' madwar l-iskola. Wara din il-ġirja jew mixja, il-ġurnata tkompli b'festival ta' sport għall-istudenti kollha fejn ikollhom ċans jesperjenzaw diversi dixxiplini sportivi differenti. Ikun hemm ukoll il-preżenza ta' studenti mill-iskejjel primarji li jkunu se jibdew jattendu l-Kulleġġ fis-sena skolastika li jmiss u dawn ikollhom iċ-ċans iduru l-iskola, jidħlu fil-laboratorji u l-klassijiet u jkollhom attivitajiet organizzati għalihom.

Filgħaxija jkun hemm divertiment varjat għall-familja kollha. Se tieħu sehem banda waħda magħmula minn diversi soċjetajiet mużikali minn lokalitajiet tal-irħula ta' madwar il-Kulleġġ, u din se ddoqq marċi brijużi. Se jkun hemm *fun games* għat-tfal, bejgħ ta' kotba u pjanti. Għal min jiffjakka jkun hemm ukoll bejgħ ta' ikel. Fuq il-palk prinċipali se jkun hemm serata ta' mużika u divertiment. Nagħlqu din il-lejla permezz tal-arti tal-piroteknika, biċċa xogħol maħduma mill-għaqdiet tan-nar tas-soċjetajiet mużikali li jkunu ħadu sehem fil-banda.



Din il-ġurnata ta' attivitajiet hi frott ta' xhur sħaħ ta' preparazzjonijiet minn grupp imdaqqas ta' għalliema, LSAs u l-istaff l-ieħor tal-iskola li b'mod volontarju jagħtu sehemhom f'din l-attività kbira.

*Il-Kumitat ta' Festa Komunita`*

# FESTA KOMUNITÀ




**Bord Editorjali:**

| | |
|---|---|
| Assistenta Kap: | *C. Pisani Grixti* |
| Disinn: | *A. Galea* |
| Issettjar: | *J. Azzopardi* |
| Fotografi: | *D. Bezzina, J. Farrugia, V. Zammit* |
| Qari tal-Provi: | *W. Incorvaja, S. J. Polidano* |
| | *C. Tanti, J. Brincat, D. Dimech* |
| Tradutturi: | *D. Bezzina, K. Callus,* |
| | *R. Galea* |